25 ta' Marzu, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Edoardo Galea ne. et. *versus* Avv. Dr. Edoardo Vassallo ne.

**Arbitraġġ — "Lodo" — Nullità — Amministratur — Mandatarju — Art. 968 u 985 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nomina ta' arbitru, u l-"lodo" li dan jagħmel in segwitu għal dik in-nomina, huma nulli jekk in-nomina ta' l-arbitru tkun saret minn amministratur jew minn kull persuna oħra li ma tistax tiddisponi liberament mill-ħaġa li fuqha tkun il-kwistjoni involuta fl-arbitraġġ.*

*Meta n-nullità ma tkunx espressament pronunzjata mill-liġi, u għalhekk ma tavverax ruħha "ipso jure", dik in-nullità trid tiġi proposta b'azzjoni, u mhux b'eċċezzjoni; u n-nullità ta' l-arbitraġġ*

*hija appuntu wieħed minn dawn il-każi, kif del resto tiddisponi l-istess liġi.*

*Għalhekk, fil-każ preżenti, il-Qorti ssospendiet il-kawża, fejn ġiet mogħtija l-eċċezzjoni tan-nullità tal-"lodo" ta' l-arbitru, biex fiż-żmien mogħti mill-Qorti l-eċċipjent jipproponi l-azzjoni li jidhirlu dwar in-nullità minnu allegata ta' dak il-"lodo".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni, billi in forza ta' testment sigriet apert u pubblikat min-Nutar Dr. Carmelo Farrugia fl-20 ta' Novembru 1926 (dok. B), il-fuq imsemmi Edoardo Montebello Paris, fost dispożizzjonijiet oħra, ordna li wara mewtu l-eżekutur testamentarju tiegħu kellu jiddepożita f'banka lokali "ad interesse" u in kont korrenti nofs il-profitti derivanti mill-kwota tiegħu ta' proprjetà fiż-żewġ kumpanniji ta' laneċ denominati "National S.F.B.C." u "Grand Harbour F. Coy.", u mill-fond hekk kreat jiġi prelevat kemm okkorrenti għall-manteniment ta' martu Enrichetta, rikoverata fl-Asilo dei Lunatici (art. 2); u fid-dispożizzjoni kwarta ordna li wara l-mewt ta' l-istess Enrichetta s-somma li tibqa' mid-depożitu fuq imsemmi, wara li jitħallsu l-funerali tagħha, għandha tiġi diviża f'żewġ kwoti ugwali, billi waħda għandha tippervjeni lil Laura mart Casimiro Galea, bintu, jekk tkun ħajja, u f'każ tal-mewt tagħha, in-nofs, flimkien man-nofs l-ieħor ta' l-interessi, għandu jippervjeni lill-ulied u lid-dixxendenti ta' Francesco, Olderico, Amelia u Caterina, ħutu mejtin, aħwa Pulis, "in stirpes et non in capita"; fid-dispożizzjoni ottava, b'titolu ta' legat, ħalla lill-istess Laura mart Casimiro Galea, bintu, u lill-ulied u dixxendenti ta' Francesco, Olderico, Amelia u Caterina, ħutu mejtin aħwa Pulis, it-titoli kollha in fondi pubbliċi u l-flus kontanti li fiż-żmien ta' mewtu jinsabu fil-patrimonju tiegħu, billi għandhom jiġu konsegwiti nofs minn Laura Galea, u n-nofs l-ieħor minn ulied u dixxendenti ta' ħutu fratelli u sorelle mejtin, fuq imsemmijin, "in stirpes et non in capita", wara li jiġu soddisfatti l-legati li huwa kompla jordna 'l-quddiem; u billi wara l-mewt tat-testatur bejn il-kontendenti qamu xi diverġenzi fuq l-estensjoni tal-legati soprariferiti, ordnati a favur ta' l-ulied u dixxendenti ta' l-erba' ħutu ġermani Pulis, bi skrittura tal-4 ta' Ġunju 1947 il-kontendenti nnominaw arbitru fil-persuna tal-Professur Dottor

Vittorio Caruana, li b'lodo pronunčjat fl-11 ta' Lulju 1947 (dok. C), u preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-18 ta' l-istess xahar, iddeċieda fuq iż-żewġ kwistjonijiet proposti fis-sens infraskritt :—

1. Illi l-ulied u dixxendienti ta' l-erbat aħwa ġermani tat-testatur, Francesco, Olderico, Amelia u Caterina, "in istirpes", huma intitolati għal nofs il-bilanċ tad-depożitu li kien hemm fil-Bank dak in-nhar tal-mewt ta' Enrichetta Pulis, bilanċ li baqa' minn nofs tal-kwoti ta' kull xahar mill-qliegħ taż-żewġ kumpanniji miġbura fiż-żmien mill-mewt tat-testatur sal-mewt ta' martu, jiġifieri dak il-bilanċ li baqa' wara li l-eżekutur testamentarju ħa l-prelevamenti għall-manteniment u għall-bżonnijiet ta' l-imsemmija Enrichetta Pulis, u għall-funerali tagħha;

2. Illi l-legat ordnat bid-dispożizzjoni hawn fuq imsemmija jikkomprendi tant it-titoli kemm il-flus kontanti depożitati fil-Bank f'isem iż-żewġ kumpanniji ta' lanċ imsemmijin, kif ukoll il-frutti, jiġifieri l-kupuni tat-titoli u l-interessi tal-kont korrent minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, skond l-artikolu 765 tal-Kodiċi Ċivili; u dan għas-sehem tat-testatur;

U billi l-imsemmija Enrichetta Pulis, armla tat-testatur, mietet fl-20 ta' Mejju 1942 (dok. B); talbu illi tiġi minn dina l-Qorti ordnata l-likwidazzjoni, okkorrendo per mezz ta' periti, ta' kemm huwa dovut lil-legatarji fuq imsemmijin in forza tad-dispożizzjonijiet dettati minn Edoardo Montebello Pulis fit-testment sigriet tiegħu apert u publikat min-Nutar Dr. Carmelo Farrugia fl-20 ta' Novembru 1926, għall-finijiet kollha tal-liġi; u illi l-atturi jistgħu 'l quddiem jitolbu l-pagament tal-kwota li tmisshom, in forza ta' l-istess legati, mill-ammonti u oġġetti ta' valur li hekk jiġu likwidati u firmati. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut qiegħed jeċċepixxi n-nullità ta' l-iskrittura tan-nomina ta' l-arbitru, u konsegwentement tal-lodo stess li fuqu l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni. Huwa jibbaża l-eċċezzjonijiet tiegħu fuq il-fatt li dik l-iskrittura ġiet firmata minn mandatarju ta' waħda mill-partijiet, jiġifieri l-Avukat Dr. Edoardo Vassallo, f'isem Laura Galea, kif ukoll li l-attur, li iffirma personalment, huwa totalment estranju għall-oġġett ta'

l-arbitraġġ, għaliex jekk wieħed joqgħod għall-kwalità tiegħu fuq miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, l-attur mhuwiex ħlief mandatarju ta' l-assenti Rosa mart Murrough Brian O'Brian;

Illi l-art. 968 tal-Kap 15 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li huwa null l-att ta' arbitraġġ magħmul minn amministratur jew minn kull min ma jistax jiddisponi liberament mill-ħaġa li fuqha tkun il-kwistjoni. Konsegwentement huwa l-każ li jiġi eżaminat, fl-ewwel lok, jekk mandatarju, bħala tali, jistax jiddisponi liberament mill-ħaġa tal-mandant tiegħu li fuqha tkun il-kwistjoni; u fil-każ partikulari, jekk l-Avukat Dr. Edoardo Vassallo, bħala mandatarju ta' Laura Galea, setax jiffirma l-iskrittura tan-nomina ta' l-arbitru;

Illi meta n-nullità ma tkunx espressament pronunċjata mil-liġi, jiġifieri "ipso jure", imma biex tiġi magħrufa jkun hemm bżonn ta' eżami serju u b'konjizzjoni ta' kawża, u dan b'intervent tal-Qorti, l-istess *nullità trid tiġi proposta b'azzjoni*, u mhux b'eċċezzjoni (P.A. 15 ta' Marzu 1876, "Agius vs. Frendo", Kollez. Vol. VII, p. 549). Dan jidher ċar ukoll middispożizzjoni ta' l-art. 985 (1) tal-Kap. 15 tal-Liġijiet fuq imsemmijin fejn jingħad li d-deċiżjoni ta' l-arbitru tista' tiġi mħassra jew annullata fuq talba ta' min ikollu interess; u l-kelma "talba" fid-dizzjoni ingliża ta' dak l-artikolu hija miġjuba bil-kelma "demand", li ma tistax ħlief tfisser "*azzjoni*", u mhux "*eċċezzjoni*";

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tiddeċidi* billi tordna s-sospensjoni tat-trattazzjoni ta' din il-kawża, u tagħti lill-konvenut nomine żmien xahar mil-lum biex fih, jekk irid u jidhirlu, jagħmel l-azzjoni li jikkunsidra opportuna dwar l-att fil-kwistjoni. Il-kawża tiġi riappuntata għat-trattazzjoni jew għeluq dak iż-żmien, jekk il-kawża ma ssirx, jew, jekk il-kawża ssir, meta jkun hemm il-ġudikat. It-talba għar-riappuntament għandha ssir b'rikors, u tista' ssir mill-parti l-waħda jew l-oħra;

*Spejjeż riżervati.*